**Minuti tal-wieħed u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Il-61 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi.

il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-60 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar il-ħtieġa li jinbidlu xi tabelli li jindikaw l-ismijiet ta' toroq, is-Sur Agius talab li minbarra ż-żewġ tabelli li jindikaw Triq San Leonardu għandha tinbidel ukoll it-tabella li tindika Triq il-Marżebb.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-ħtieġa li jsir manutenzjoni ta' Triq iż-Żarżarell peress illi f'din it-triq għad hemm xi ħofor. Iċ-*Chairperson* talab ukoll li jinqatgħu l-frieghi tal-qasab li hemm fit-trejqa li minn din it-triq twassal għal Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo semma wkoll il-ħtieġa li tiġi rranġata l-bandla għall-persuni b'diżabilità kif ukoll is-sellum taż-żurżieqa.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jsiru *double lines* fi Triq il-Werżieq.

Dwar is-sistema tat-traffiku fi Triq Ġdida fi Triq iż-Żarżarell is-Sur Clews ippropona li l-Kumitat jieħu passi minn Transport Malta dwar l-aħjar mod biex issir *one way*.

B'hekk il-Kumitat ikun f'pożizzjoni aħjar biex jikkonsulta mar-residenti qabel tittieħed deċiżjoni finali.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-ittra biex tiġi *resurfaced* Triq in-Naħla, iċ-*Chairperson* qal li kienet ser issir talba lill-Ministru l-Onorevoli Joe Mizzi biex Transport Malta tirranġa din it-triq.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi l-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Lulju-Settembru 2014.

Iċ-*Chairperson* qal li l-fuljett li ser jiġi stampat mill-Kumitat, kien ser jitqassam qabel il-Milied.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-62 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014.

Mario Bartolo
*Chairperson*